

**AGĦMEL
DIFFERENZA
Drop'pin u avvanza!**



droppin.eu
#DroppinGoFar

Żgħażagħ

Organizzazz-
jonijiet

Edukaturi

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li tagħxi f'isem il-Kummissjoni mhuma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprietarju/i tad-dritt tal-awtur.

© Ritratti: **iStockphoto** (il-paġna tal-qoxra, paġni 1, 5, 7), **Fotolia** (paġni 1, 2), **Thinkstock** (paġna 1), **O. Binczak** (paġna 3), **L. Borbein** (paġna 5), **U. Peleikis** (paġna 7).

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(* L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

ISBN 978-92-79-51791-4 -- doi:10.2767/375732 (print)

ISBN 978-92-79-51801-0 -- doi:10.2767/76839 (PDF)

© Unjoni Ewropea, 2016

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Italy

Stampat fuq karta bajda ħielsa mill-klorur elementari (ECF)

X'INHI DROP'PIN?

Il-qgħad fost iż-żgħażaġh hu għoli u bosta żgħażaġh fl-Ewropa jeftiġilhom l-għajjnuna biex ipoġġu siegħom mas-sellum tal-impjieg u jibdeu il-ħajja professjonali tagħhom. Drop'pin hi dik l-għajjnuna.

Drop'pin hi l-post li fih jiġu skambjati l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh Ewropej. Hi timmira li ssaħħaħ il-kapaċità għall-impjegabbiltà u l-ħiliet taż-żgħażaġh, u li jitnaqqas id-distakk bejn l-edukazzjoni u l-ewwel impjieg. Tlaqqa' flimkien organizzazzjonijiet privati u pubbliċi li qed jaħdmu biex inaqqsu l-qgħad fost iż-żgħażaġh.

Drop'pin taħdem fuq żewġ livelli: billi tgħaqqad liż-żgħażaġh ma' opportunitajiet ta' taħriġ u taġħlim ibbażati fuq ix-xogħol u billi tlaqqa' flimkien organizzazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet. F'kull każ, l-għan hu l-istess: il-mobilizzazzjoni u t-twassil f'azzjoni tal-ideat u r-riżorsi kollha biex l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh tingħata għajjnuna sabiex tissaħħaħ fl-Ewropa.

Kompli agra biex tiskopri kif Drop'pin tista' tgħinek taġħmel differenza fil-qgħad taż-żgħażaġh — bħala persuna żaġżuġha, bħala persuna li tħaddem jew bħala edukatur.



AKKWISTA L-ĦILJET GĦALL-EWWEL IMPJIEG TIEGĦEK!

Il-ksib tal-ewwel impjieg tiegħek jista' jkun diffiċli. Għandu mnejn għandek il-kwalifiki, iżda ma għandekx l-esperjenza mitluba minn dawk li jħaddmu? Jew forsi għandek bżonn takkwista ħiliet ġodda, jew tiffriksa dawk qodma?

Drop'pin hi l-post għalik! Bl-apprendistati, it-traineeships, il-programmi ta' taħriġ, il-korsijiet ta' taġġim elettroniku, it-taħriġ tal-lingwi, l-iskemi ta' mentoring u ta' kkwocjar f'firxa ta' setturi, kif ukoll bħala appoġġ għal ċaqliq lejn pajjiż Ewropew ieħor, Drop'pin hi l-post li għandek iżżur għal opportunitajiet sabiex tagħti spinta l-impjegabbiltà tiegħek u sabiex tgħinek tpoġġi sieqek fuq is-sellum tal-impjegi, u dan kollu bla ħlas!

Żgħażaġħ



Jeżistu **aktar opportunitajiet** milli taħseb!

Skopri modi kif tagħti spinta l-impjegabbilà tiegħek, bla ħlas, u segwi l-organizzazzjonijiet fl-Ewropa kollha li qed ifittxu sabieħ jinvestu f'zghażaġh bħalek.



Ikseb parir u informazzjoni


Segwi l-blog tagħna biex tikseb parir dwar l-iżvilupp professjonali, inspira ruħek mill-podcasts tagħna u staqsi l-mistoqsijiet tiegħek fl-avvenimenti soċjali tagħna **#DroppinGoFar**.



Iltaqa' ma' **zghażaġh Ewropej oħrajn**

Tgħallem mill-oħrajn u skambja l-esperjenzi tiegħek billi tisieħeb fi gruppi ta' diskussjoni

66 *Kont ixxurtjat biżżejjed li nagħmel internship ma' kumpanija farmaċewtika li verament tani għarfien profund dwar kif inhi l-ħajja tax-xogħol. Tgħallimt ħafna l-ħiliet ġodda, minn dawk amminsitrattivi għal dawk tal-ispeċjalist, u stajt intejjeb l-Ingliż tiegħi billi l-kumpanija kienet internazzjonali. Dan l-intership tani l-fiduċja li neħtieġ biex noħroġ fis-suq tax-xogħol u napplika għar-rwol tal-ħolm tiegħi. 99*



Ola Binczak, utent tad-Drop'pin u intern fil-farmaċewtika, il-Polonja



Irreġistra fi Drop'pin illum u sir aktar impjegabbli!

Se żżid il-possibiltajiet tiegħek li ssib impjieg fil-futur li jkun marbut mal-interessi u l-ħiliet tiegħek, ikun liema jkun is-settur li qed tittama li taħdem fi.

droppin.eu

IBDA ISSA

- ✓ Irreġistra għal kont fi droppin.eu
- ✓ Fittex opportunitajiet
- ✓ Segwi l-blog tagħna biex tikseb ideat u pariri
- ✓ Involvi ruħek fil-komunità ta' Drop'pin
- ✓ Segwi u xerxa **#DroppinGoFar**
- ✓ Sir aktar impjegabbli!

Organizzazzjonijiet

IBNI L-~~H~~ILJET TAL-FUTUR INT U TIBNI N-NEGOZJU TIEGĦEK

Sew jekk int korporazzjoni li qed tftitex biex turi r-responsabbiltà soċjali tiegħek jew SME li qed tftitex li tkabbar it-tim tiegħek, Drop'pin hi l-post li fih issaħħaħ il-pajplajn ta' talenti tiegħek int u tagħti liż-żgħażaġh l-opportunità li jagħtu spinta l-**impjegabbiltà** tagħhom.

Billi tirreġistra fil-pjattaforma u tippubblika l-opportunitajiet tiegħek, se tkun tista':



Tiżviluppa **l-ħiliet futuri** minn issa

Tgħin liż-żgħażaġh billi tagħtihom ħiliet illum u jkollok għażla akbar ta' impjegati b'taħriġ mill-aqwa għan-negozju tiegħek għada.



Tissieħeb ma' organizzazzjonijiet oħrajn

Tissieħeb ma' organizzazzjonijiet li jaħsbuha bħalek biex toħolqu opportunitajiet saħansitra akbar għaż-żgħażaġh u għan-negozji tagħkom ukoll.



Turi bid-dieher ir-**responsabbiltà soċjali** tiegħek

Tibbenefika mill-immagnażni pożittiva li tirriżulta billi tiegħu sehem f'inizjattiva li ma tkunx għalhejn biex ittejjeb il-ħajja taż-żgħażaġh Ewropej.

Ingħaqad ma' organizzazzjonijiet mill-Ewropa kollha biex tagħti sehemk liż-żgħażaġħ Ewropej u lill-kompetittività Ewropea.



66 Billi ningħaqdu flimkien, nistgħu ngħinu nindiriz-zaw il-problemi doppji tal-impjegabbiltà taż-żgħażaġħ u n-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa fis-suq tax-xogħol Ewropew. Drop'pin jirnexxilha tlaqqa' flimkien organizzazzjonijiet li jgħinu liż-żgħażaġħ jippreparaw ruħhom għas-suq tax-xogħol. Dan hu għaliex Academy Cube hi kburija li tappoġġja l-inizjattiva. **99**

Lisa Borbein, Maniġer tal-Kommunikazzjonijiet, Academy Cube, il-Ġermanja



Ħa ngħinuk!

Jekk teftieg kwalunkwe appoġġ biex tingħaqad ma' Drop'pin jew biex tippubblika l-opportunitajiet tiegħek, ibgħat email lil empl-droppin@ec.europa.eu u wieħed mill-Maniġers tar-Relazzjonijiet tagħna jikkuntattjak.



IBDA ISSA

- ✓ Ingħaqad ma' Drop'pin. Irregista ma' droppin.eu
- ✓ Ippubblika l-opportunitajiet għaż-żgħażaġħ
- ✓ Issieħeb ma' organizzazzjonijiet oħra
- ✓ Involvi ruħek fil-komunità ta' Drop'pin
- ✓ Segwi u xxerxa #DroppinGoFar
- ✓ Ħalli t-talent jiġi għandek!

GĦIN LILL-ISTUDENTI

JAGĦMLU T-TRANŻIŻŻJONI MILL- KLASSI GĦALL-IMPJIEG

Bħala edukatur li jiġi f'kuntatt maż-żgħażaġh fi żmien kritiku f'ħajjithom, għandek rwol ewlieni fl-iggwidar tal-istudenti lejn il-ħafna għażliet disponibbli għalihom wara li jtemmu l-iskola. Bis-saħħa ta' Drop'pin, għandek għodda komprensiva biex tgħinhom jiżguraw li l-pass li jmiss hu t-tajjeb.

Il-pjattaforma għandha l-għan li tlaqqa' liż-żgħażaġh ma' fixxa ta' opportunitajiet madwar l-Ewropa biex jagħtu spinta l-opportunitajiet tagħhom ta' impjieg, bħall-apprendistati, it-traineeships, il-programmi ta' taħriġ, it-tagħlim elettroniku, it-taħriġ tal-lingwi, l-ikkowċjar u l-mentoring, l-appoġġ għall-mobbiltà, eċċ.

Drop'pin hi wkoll għodda ta' networking. Għal dawk li jaħdmu maż-żgħażaġh fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), dan hu l-post perfett biex jiltaqgħu ma' xulxin u jingħaqdu flimkien biex joħolqu programmi u jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi biex jgħinu jnaqqsu d-distakk fil-lakuna tal-ħiliet.

Edukaturi



Għin l-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom

Drop'pin toffri fixxa ta' opportunitajiet b'xejn, opportunitajiet ta' kwalità għall-istudenti biex iżidu l-ħiliet tagħhom u biex jippreparaw għad-dinja kompetittiva tax-xogħol.



Urihom l-opzjonijiet alternattivi disponibbli

Sew jekk huma aħjar għal apprendistat, traineeship jew taħriġ tal-lingwi, Drop'pin għandha kollox u aktar.



Issieħeb ma' organizzazzjonijiet biex toħloq opportunitajiet ġodda

Iltaqa' u ssieħeb ma' negozji u ma' oħrajn fil-qasam tal-edukazzjoni biex tiskambja t-tagħrif u toħloq programmi ġodda.



66 *Tassew nemmnu b'mod sħiħ fis-setgħa tal-esperjenza tax-xogħol f'pajjiż ieħor li tagħti spinta l-impjegabbiltà taż-Żgħażaġħ Ewropej. Drop'pin hi għodda eċċellenti biex tagħmel dan. Aħna ninkuraġġixxu lis-sħab tagħna fl-industriji biex joffru taħriġ fil-post tax-xogħol u opportunitajiet oħra fuq dan is-sit web imfassal b'mod tajjeb. 99*

Uwe Peleikis, Deputat Kap ta' Skola, Kaufmännische Schule 1, Stuttgart



IBDA ISSA

- ✓ Tħaddet mal-istudenti tiegħek dwar il-pjattaforma
- ✓ Ingħaqad ma' Drop'pin. Irreġistra l-iskola tiegħek fi droppin.eu
- ✓ Issieħeb mal-kumpaniji biex toffri taħriġ abbażi tax-xogħol għall-istudenti tiegħek
- ✓ Issieħeb ma' fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ oħrajn
- ✓ Involvi ruħek fil-komunità ta' Drop'pin

PROGRAMMI U INIZJATTIVI TA' SĦUBIJA

L-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati

Alleanza li tlaqqa' flimkien lill-gvernijiet man-negozji, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u partijiet ikkonċernati oħrajn biex tissaħħaħ il-kwalità, il-provvista u l-immagħni tal-apprendistati fl-Ewropa. ec.europa.eu/apprenticeships-alliance

Il-Gran Koalizzjoni għall-Impjiegi Diġitali

Sħubija bejn bosta partijiet ikkonċernati biex tittratta n-nuqqas ta' ħiliet diġitali fl-Ewropa u l-eluf ta' postijiet tal-impjieg relatati mal-ICT mhux mimlijin fis-setturi kollha tal-industrija.

ec.europa.eu/digital-agenda/grand-coalition-digital-jobs

EURES

Jipprovdni informazzjoni, pariri u servizzi ta' tqabbil tal-impjiegi għall-ħaddiema u għal min iħaddem, li jixtiequ jaħdmu jew jirreklutaw f'pajjiżi oħra Ewropej, permezz ta' portal onlajn u ta' netwerk li fih elf konsulent ta' EURES. eures.europa.eu

L-ewwel xogħol EURES tiegħek

Skema ta' mobilità tal-impjiegi li tipprovdni appoġġ finanzjarju biex isir tqabbil bejn iżgħażaġħ li qed ifittxu x-xogħol mal-postijiet tal-impjieg li hu diffiċli timlihom jew biex jiġi aċċessat it-taħriġ abbażi tax-xogħol fl-Ewropa kollha. <https://ec.europa.eu/eures/public/mt/your-first-eures-job-js>

Erasmus+

Erasmus+ għandu l-għan kemm li jsaħħaħ il-ħiliet u l-impjegabbiltà, kif ukoll li jimmodernizza l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u x-Xogħol taż-Żgħażaġħ. Dan jipprovdni opportunitajiet għal miljuni ta' Ewropej li jistudjaw, jitħarrġu, jiksbu esperjenza ta' xogħol u jagħmlu volontarjat barra minn pajjiżhom. ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus

Portal Għaż-Żgħażaġħ Ewropej

Joffri informazzjoni u opportunitajiet Ewropej u nazzjonali ta' interess liż-żgħażaġħ li qed jgħixu, jitgħallmu u jaħdmu fl-Ewropa.

europa.eu/youth

Garanzija għaż-Żgħażaġħ Ewropea

Approċċ Ewropew komuni li jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażaġħ li jiżgura li ż-żgħażaġħ kollha taħt il-25 sena jingħataw offerta konkreta, ta' kwalità tajba fi żmien erba' xhur minn mindu joħorġu mill-edukazzjoni formali jew isiru qiegħda. <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1079&langId=mt>

Il-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ

Wegħda mill-UE u l-mexxejja tan-negozji dwar għoti konġunt ta' impjiegi, tkabbir u investment għaż-żgħażaġħ fl-Ewropa. Wieħed mill-għanijiet ta' dan il-patt huwa li jibnew 10,000 sħubija bejn l-iskejjel u n-negozji. csreurope.org/pactforyouth

AGĦMEL DIFFERENZA: DROP’PIN U AVVANZA!

Din il-pubblikazzjoni hi disponibbli fil-format stampat fl-ilsna uffiċjali kollha tal-UE.

Numru tal-katalogu:

KE-04-15-657-MT-C (għal pdf li jista’ jiġi pprintjat)

KE-04-15-657-MT-N (għal pdf tal-web)

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- **kopja waħda:**

permezz tal-EU Bookshop bookshop.europa.eu

- **iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:**

mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ec.europa.eu/represent_en.htm

mid-delegazzjonijiet f’pajjiżi mhux tal-Unjoni Ewropea eeas.europa.eu/delegations/index_en.htm

billi tikkuntattja s-servizz tal-Europe Direct europa.eu/europedirect/index_en.htm

jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(* L-informazzjoni mogħtija hija b’xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b’xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- **permezz tal-EU Bookshop** bookshop.europa.eu

Irreġistra issa ma' *droppin*.eu.
Għal aktar informazzjoni, ikkuntattjana per-
mezz ta' empl-droppin@ec.europa.eu

Drop'pin @EURES hi servizz ipprovdut mill-Kummissjoni Ewropea fuq
il-portal EURES f' eures.europa.eu.

Segwina fil-midja soċjali:

#DroppinGoFar



EURESJobs



EuropeanYouthEU



social europe



EURESjob



EuropeanYouthEU



EU_Social



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Inti interessat fil-pubblikazzjonijiet
tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi,
l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni?

- Tista' tniżżel il-Pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona bla fiġas minn ec.europa.eu/social/publications
- Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, irreġistra biex tirċievi n-newsletter elettronika ta' Social Europe bla fiġas minn ec.europa.eu/social/e-newsletter
- Irreġistra fin-newsletter Drop'pin fi droppin.eu

